# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 2436/00 GCD**

**Anna Antignolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd.**

**Vs**

**Paul Sciberras ghan-nom ta' Desaru Limited u ta' Bali Restaurant**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-attrici nomine tinsab kreditrici tal-konvenut nomine fis-somma ta' elf erba' mija sebgha u sebghin liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,477.15) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' catering equipment, "utensils", affarijiet tal-kcina u oggetti ohra (kompriz l-imghax sal-11 ta' Awissu 2000) mibjughin u konsenjati lill-konvenut nomine;

Illi l-attrici nomine interpellat diversi drabi lill-konvenut nomine biex ihallas u sa anke baghtitlu ittra legali interpellatorja izda ghal ta' xejn;  u

Illi l-kreditu ta' l-attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut nomine ma ghandu l-ebda difiza valida kontra t-talba tal-attrici nomine;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza taghha u tilqa' t-talba tal-attrici nomine bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza u dana kif provdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna minnufih lill-konvenut nomine biex ihallas lill-attrici nomine l-imsemmija somma ta' elf erba' mija sebgha u sebghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,477.15) dovuta lilha;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid kontestwali u bl-imghax ta' 8% fis-sena mit-12 ta' Awissu 2000.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Anna Antignolo u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm